**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum is-6 ta' Settembru, 2023**

**Rikors numru: BCT/18/2023 BCT**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B.Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**James Bonnici**

**vs**

**Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant innifsu, cioe s-Sur James Bonnici fil- 21 ta' Mejju 2023 fejn huwa ppremetta u talab is-segwenti:

> *"I would like to appeal from the Administrative Penalty as indicated on the attached pdf with reference BCA/P08/0072/2023 dated 8th May 2023.*
>
> *The 3rd of May was the first day when I commenced works (during day time between 8am and 3pm). The builder which is my brother-in-law was carrying works at my house (picture attached) by chipping away concrete from a piece of slab.*
>
> *The day after, on the 4th, when I arrived home at around 4:20pm I went to clean in the balcony where the works were done and I saw some concrete still attached to the wall and chipped concrete pieces still attached to the mesh but detached from the slab.*

*What I did since this is my habitable home and not as such a construction site, I started to clear the rubble from the platform and removed all dangerous rocks that could fall from the slab and from the platform. Since some rocks were big and heavy, I had to use power tool to break the detached rocks so that I would be able to cart them away easily. Also, I had to remove the pieces of the "kontra bejt" that were still attached to the wall were lose. At around 5:15pm, two persons from BCA came and told me to stop from using power tools and I stopped at once since I did not want to bother the neighbours. Also, I want to mention that I was not aware that I was not able to use the power tools after 4pm.*

*My point here is that I was not doing any demolition, building nor excavation at that time. My intensions were to remove all danger since this is my habitable home."*

Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

*"1. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

*2. Illi preliminarjament skont l-artikolu 6 tal-Kap. 189, kif magħdud mal-Kap. 490, l-appell intavolat kellu jkun kollu bil-lingwa Maltija stante li ma hemm l-ebda ordni jew raġuni legali sabiex l-lingwa tkun dik Ingliża kwindi tali appell għandu jiġi dikjarat bħala null;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għal dak indikat preliminarjament ex admissis l-appellant qiehhed jiddikjara meta u kif sar ix-xogħol liema huwa kontra d-dettami tal-liġi;*

*4. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorità appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern in toto.*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Għalhekk, ir-rikorrent qiegħed jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jibdel d-deċiżjoni tal-Awtorità tal- Bini u Kostruzzjoni rigward il-multa' amminsitrattiva.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2023, l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell jitratta dwar penali amministrattiva imposta mill-Awtorità intimata nhar it-8 ta' Mejju 2023, li permezz tagħha qiegħda timponi penali peress li gie allegat li saru '*Xogħlijiet mhux awtorizzati barra mill-ħin permissibli mil-liġi/ Xogħlijiet fil-Ħdud jew festi Pubbliċi* fl-ammont totali ta' Ħames Mitt Ewro (€500).

Fil-mertu ta' l-appell, it-Tribunal jinnota li x-xogħol in kwistjoni huwa xogħol ta' demolizzjoni ta' saqaf sporġut (pizz) bil-*jiggger* li kien qiegħed isir wara l-erbgħa ta' wara nofsinhar (4.00 pm) kif intqal b'ġurament waqt ix-xhieda ta' l-appellant nhar l-1 ta' Ġunju 2023.

L-appellant jkompli jixhed illi huwa ma kienx jaf li ma jistgħux isiru xogħlijiet wara l-erbgħa ta' wara nofsinhar (4.00 pm) bl-użu ta' għodda pnewmatici u wkoll jiddikjara li huwa ma kienx qiegħed jagħmel xogħol ta' skavar, demolizzjoni u kostruzzjoni.

Fl-appell, l-appellant jindika li x-xogħolijiet kienu qegħdin isiru biex jneħħi xi perikli li setgħa kien hemm.

L-Awtorità intimata ħarket lix-xhud li kien preżenti in sostenn tad-difiża tagħha u ċioe' s-Sur Michael Simic; li ikkonferma n-natura tax-xogħlijiet li kienu qegħdin jsiru bl-użu ta' *jigger*, waqt ix-xhieda b'ġurament, nhar l-5 ta' Lulju 2023.

It-Tribunal ikkunsidra li allovolja dan ix-xogħol kien minimu, dan xorta waħda jaqa' taħt t-tifsira ta' xogħlijiet kif mfissra f'Taqsima 1 tal-Avviż Legali 340 tal-2022, tal- Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08, li tgħid:

> *"xogħlijiet" tfisser ix-xogħlijiet permanenti u x-xogħlijiet temporanji, jew xi wieħed minnhom kif ikun xieraq, u tinkludi xogħlijiet tal-iskavar, tad-demolizzjoni, tal-kostruzzjoni, ixxogħlijiet ta' servizzi tal-bini u x-xogħlijiet ta' finitura"*

It-Tribunal ħa nota wkoll li skond t-Tielet Skeda ta' l-istess Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08, f'każ ta' emerġenzi, x-xogħlijiet jistgħu jsiru fi kwalunkwe ħinijiet oħra, għalkemm għandu jkun obbligatorju li l-Awtorità tkun informata fi żmien siegħa mill-ftuħ ta' l-uffiċini tagħha, li tali notifika qatt ma' saret mill-appellant.

Wara li t-Tribunal ħa nota ta' dan kollu, t-Tribunal jista' jikkonkludi li x-xogħolijiet li kienu qegħdin jsiru nhar l-4 ta' Mejju 2023 wara l-erbgħa ta' wara nofsinhar (4.00 pm) bl-użu ta' għodda pnewmatici, huwa kkunsidrat bhala xogħlijiet li huwa projbit milli jagħmel.

Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiċħad l-Appell u jikkonferma l-penali amministrattiva imposta mill-Awtorità.

**Decide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet hawn fuq imsemmija, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell tal-appellant James Bonnici u jikkonferma l-penali amminsitrattiva imposta tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, datata t-8 ta' Mejju 2023, li permezz tagħha imponiet penali amministrattiva ta' Ħames Mitt Ewro (€500.00).

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |